FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 22 ta' Gunju 2017

Il-Pulizija
(Spettur Elton Taliana)

vs

Semira Tabone Grech
Mohammed Zawia Abdussalam A Bheeh

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta ta' identita' numru 515191m u 102225A rispettivament akkuzati talli nhar is-7 ta' Novembru 2015 ghal habta tas-siegha neqsin kwart ta' filghodu (00.45) gewwa Triq San Gorg, San Giljan:

1. attakaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra il-kuntistablijiet WPC 333 Alana Caruana u WPC 353 Gerline Urry Sant u ufficjali ohra, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwqat li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;
2. ingurjaw, heddu, jew ghamlu offiza ta' natura hafifa skond lif iccertifika Dr J Farrugia Preca M.D. (Reg No 3298) mic-centru tas-sahha tal-Floriana fuq il- kuntistablijiet WPC 333 Alana Caruana u WPC 353 Gerline Urry Sant u ufficjali ohra, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu li jinfluwixxu fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;
3. m'obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewx jew fixkluhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor bla jedd indahhlu fi dmirhom billi ma hallewx lil Pulizija jaghmlu dak li b'ligi jkun ordnat jew jistaw jaghmlu jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi;
4. kissru il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Il-kaz jitratta fatti li sehhew f'Paceville/San Giljan f'Triq San Gorg fl-akkwati tal-klabb 'Havana'. Jirrisulta li l-imputati, dak in-nhar tal-incident, kienu fl-imsemmi stabiliment fil-kumpanija ta' xulxin, meta xi individwu, li baqa' injot, qabad il-warrani tal-imputata li jireagixxiet b'mod li l-persuni addetti ghas-sigurta' fl-istabbiliment dehrilhom li ghandhom johorguha l'barra. Tul il-kors tal-kawza dawn it-talin ma gewx prodotti bhala xhieda u kwindi l-Qorti ghandha biss il-versjoni taghha fuq xix tistrieh li tqiesa kemm kredibbli u verosimili. F' din ix-xhieda taghha l-imputata tistqarr fuq l-id iebsa li ntuzat biex tinhareg 'il barra mill-istabiliment. Intant, huwa dan it-trattament li joffri l-preludju ghal dak li segwa barra l-istabiliment hekk kif l-imputata giet ikkonfrontata mill-pulizija. Hawnhekk ukoll il-Qorti rriavvisat certa arbitrarjeta' li, tistqarr, m'ghandhiex tithalla tiehu s-supremazzija f'membri tal-korp tal-pulizija fil-konfront ta' cittadini li gustament jistennew li jinghataw protezzjoni minn agir abusiv u ingustifikat ta' haddiehor.

Jidher li anke l-Avukat Generali apprezza dan fil-waqt li fir-rinviju ghall-gudizzju indika biss l-Artikolu 95 flimkien ma zewg artikoli tal-ligi ta' natura kontravenzjonali tal-Kap 9.

Trattat ir-reat ipotizzat taht ic-citat artikolu 95 u fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in ispecje il-Qorti tistqarr, fuq dicta tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'kawza deciz fit-23 ta' April 1999 fil-proceduri kontra Vincent Oliver Abela li ufficjal pubbliku li jkun qieghed jagixxi mhux skond il-ligi ma jistax jinghad li jkun qed iwettaq servizz pubbliku skond il-ligi u jisufruixxi ghalhekk mill-protezzjoni tal-ligi.

Fil-konfront tal-offizi kontravenzjonali li jippotizzaw l-ksur tal-bon ordni u in nuqqas ta' ubiddjenza ta' ordnijiet legittimi tal-pulizija (fil-kaz odjern) ma jirrisultax li kien hemm dik l-apprensjoni ghall-esistenza tieghu taht l-Artikolu 338(dd) u lanqas li kien hemm nuqqas ta' osservanza f'xi ordni moghtija lilhom.

Ghalhekk, u nghad dan, il-Qorti mhux qeghdha issib l-imputati mhux hajta u tilliberhom.

A.M.Trigona
Magistrat